# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 27 ta' Gunju 2001**

**Avviz. numru 385/01**

**Numru 12**

**Untours Insurance Agents Ltd ghal Qatar Insurance Company kif surrogati fid-drittijiet ta' Joseph Farrugia u l-istess Joseph Farrugia**

**vs**

**Aaron Sladden**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-stanti Untours Insurance Agents Ltd noe is-somma ta' Lm638.84c u lill-istanti Joseph Farrugia Lm25 - danni in segwitu ghall-incident stradali li sehh fil-25 ta' Novembru 1998 f'Haz-Zabbar bejn Hyundai Accent nru JOE- 376 misjuqa mill-attur Joseph Farrugia u ERF nru IBA 517 misjuqa mill-konvenut. Prevja dikjarazzjoni li l-konvenut kien

responsabbli ghall-incident u danni minhabba mprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes, inkluzi Lm11.50 ta' ittra u konsult, dawk tal-Ittra ufficjali tat-28 ta' April 1999 u dawk tal-ittra ufficjali tad-data tal-avviz ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika ta' dana l-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-konvenut tallum stess, li biha ammetta t-talbiet attrici kif dedotti mil-istess avviz.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ghal dawn il-motivi tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u in osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut;

2. tillikwida l-ammont ta' danni dovuti fis-somma ta' Lm663.84,0;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta' attrici nomine is-somma ta' Lm638.84,0 u lill-attur, Joseph Farrugia, s-somma ta'

Lm25.00,0 bl-imghax legali mit-8 ta' Mejju 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluiz Lm11.50,0 ta' ittra u konsult kif ukoll dawk tal-ittri ufficjali tat-28 ta' April 1999 u tat-30 ta' April 2001 msemmija fl-istess avviz.

Alan Calleja
Dep.Reg